## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## **RIK NRU 42/2023** GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 261/2023 FL-ISMIJIET: **KARL MAGRI (KI. 104464M) U JACKIE MAGRI (KI. 186867M) V. JURGEN VASSALLO (KI. 96490M)**

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(D)(F) – TALBA GHALL-ĦLAS TA' PENALI AI TERMINI TAL-KAP. 12. ART. 836(8) – TALBA GHALL-ĦLAS TAD-DANNI AI TERMINI TAL-KAP. 12. ART. 836(9))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Awwissu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Jurgen Vassallo ("ir-rikorrent sekwestrat" jew "ir-rikorrent") ippreżentat fil-15 ta' Frar 2023[1] li permezz tiegħu għar-raġunijiet fih premessi talab lill-Qorti s-segwenti:

Illi dak hawn fuq espost juri b'mod car li r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju sar b'malizja, u b'hekk l-mandat huwa wieħed frivolu u vessatorju, u għalhekk, l-esponent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna lis-sekwestranti jħalsu l-penali, u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(8), kif ukoll id-danni subiti mill-esponent a kawza tal-ħruġ vessatorju tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu, u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(9).

[1] Fol 1-35

Għaldaqstant l-esponent qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tordna li jiġi revokat għal kollox il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq indikat, ossia l-mandat ta' sekwestru bin-numru 261/2023 u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap 12 u dana taħt kull provvvediment li jogħġobha timponi.

wara li rat ir-risposta ta' Karl Magri u Jackie Magri ("l-intimati sekwestranti" jew "l-intimati") ippreżentata fid-9 ta' Marzu 2023[2] li permezz tagħha wieġbu *inter alia* kif ġej:

Għaldaqstant, abbażi ta' dak kollu hawn supremessi flimkien mal-provi kollha prodotti flimkien mar-rikors promotur u kif ukoll dawk prodotti flimkien ma' dan ir-rikors, it-talba tar-rikorrent sabiex il-mandat ta' sekwestru **261/2023** sabiex jiġi revokat huwa bla bażi fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' din l-istanza, u l-imgħax legali, kollha kontra r-rikorrent

wara li semgħet ix-xhieda u rat il-bqija tal-atti proċesswali inkluż kopja tal-mandat kawtelatorju li tiegħu qed tintalab ir-revoka,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom:

- tar-rikorrent sekwestrat, mill-Avukat Dr. Tracy Cauchi,
- tal-intimati sekwestranti, mill-Avukat Dr. Patrick Valentino

wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2023 ġie ddikjarat mill-avukat tal-intimati sekwestranti illi l-patroċinjati tiegħu kienu qed jirriduċu s-sorti mitlub bl-ammont ta' elfejn u ħames mija u disgħin euro (€ 2,590),

qed tagħti dan id-

## Digriet kamerali

1. Kif inhuwa ben magħruf l-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu tal-kawża suppost għandu isir fil-kawża proprja. Din hija xi ħaġa li madanakollu jidher li sfuġġiet lill-partijiet peress illi l-atti rispettivi ppreżentati minnhom huma voluminużi u jinkludu dettalji li ċertament m'għandhom l-ebda post fi proċedura ta' din ix-xorta.

[2] Fol 38-76

2. Permezz tal-mandat kawtelatorju bin-numru 261/2023 l-intimati sekwestranti riedu jqiegħdu fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' € 14,867.29 rappreżentanti ammont allegatament dovut lilhom mir-rikorrent sekwestrat *"naxxenti minn nuqqas ta' provviġjon ta' xogħolijiet u materjali skond ftehim ta' appalt li kellu jiġi espletat fil-fond "Haven", Triq l-Isperanza, Mosta, liema xogħol ma ġiex eżegwit fil-maġġoranza tiegħu u, fejn ġie esegwit, sar mhux skond id-dettami tas-sengħa w l-arti, u dan kif aħjar deskritt fl-ittra uffiċjali maħruġa ... bin-numru 266/2023..."*

3. F'din il-proċedura, ir-rikorrent sekwestrat qed jattakka l-validita' tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni u jitlob ir-revoka tiegħu abbażi tal-Art. 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdu kif ġej:

> **«836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:**
>
> **...**
> **(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew**
> **...**
> **(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.... »**

4. Il-lamenteli tar-rikorrent huma varji u jinkludu s-segwenti:

    1. dik illi l-partijiet ma ftehmu xejn bil-miktub dwar data għal tlestija tax-xogħolijiet,
    2. dik illi d-dewmien kien unikament tort tal-intimati għaliex kienu huma li għal raġunijiet varji baqgħu jipposponu li jsiru x-xogħolijiet,
    3. dik illi x-xogħolijiet ma tlestewx mhux b'tort tar-rikorrent iżda għaliex kien hemm xogħolijiet ta' ħaddiema oħra li riedu jsiru qabel,
    4. dik illi l-allegazzjonijiet tal-intimati li x-xogħolijiet li laħqu twettqu ma kienux skond is-sengħa u l-arti anqas biss ġew imsemmija fir-rapport peritali tagħhom stess (anness bħala Dok L),
    5. dik illi x-xogħolijiet kollha saru taħt is-superviżjoni tal-perit inkarigat mill-intimati stess,

6. dik illi l-mandat huwa vessatorju għaliex ġew intavolati kontestwalment ittra uffiċjali, mandat u kawża, f'liema ittra uffiċjali ingħata perjodu ta' żmien sabiex jirregola ruħu mentri t-terminu kien wieħed frivolu peress illi l-mandat u l-kawża ġew intavolati kontestwalment,
7. dik illi l-ammont huwa eċċessiv u m'huwiex ġustifikat *prima facie* stante illi kif jidher mir-ritratti annessi r-rikorrent xtara ħafna materjal u wettaq numru ta' xogħolijiet li tagħhom għadu ma' tħallasx,
8. dik illi l-mandat qiegħed jikkawża diffikultajiet serji lir-rikorrent peress illi qiegħed jiġi mċaħħad milli jaċċessa l-fondi tiegħu b'dan li qed ikollu jonqos mill-obbligi tiegħu mensili fosthom il-ħlas ta' manteniment lill-ibnu u pagi lill-ħaddiema tiegħu.

5. Ir-rikorrent talab ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimati iħallsu penali kif ukoll id-danni minħabba l-ħruġ vessatorju tal-mandat.

6. L-intimati laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi *inter alia* eċċepew:

1. illi b'mod preliminari l-okkju ċitat huwa skorrett u għalhekk għandha ssir id-debita korrezzjoni skond il-liġi, u

2. illi l-fatti kollha elenkati mir-rikorrent fil-paragrafi numru wieħed sa' ħdax tar-rikors apparti li huma inveritieri u fallaċi jidħlu fil-mertu tal-każ u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tidħol fihom,

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12**

7. Fid-digriet fl-ismijiet: **<u>"Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea"</u>** (336/2005 JRM, 29 ta' Lulju 2005) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej:

> *« "L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u lieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-*

> *talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat. Inoltre kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta "Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat. (ara : "Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd." (PA/ GCD - 30 ta' Ottubru 2003). »*

8. Għalkemm ma' ssemmix dan b'mod speċifiku (il-kawżali filfatt tissemma b'mod ġeneriku wara l-paragrafu numru 11 tar-rikors), jidher li r-rikorrent qed jorbot din il-kawżali mal-pretensjonijiet tiegħu dedotti fil-paragrafi numru 1 sa' 11 tar-rikors, liema paragrafi jidħlu f'ċertu dettal fil-mertu tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet ossia' dwar il-kawża tad-dewmien tat-tlestija tax-xogħolijiet u dwar il-kwalita' tal-istess xogħolijiet. **<u>Dawn il-pretensjonijiet però m'għandhom l-ebda post fi proċedura ta'din ix-xorta u ma jistgħux ħlief jiġu skartati mill-Qorti.</u>**

9. Mill-provi dokumentarji li ġew imressqa quddiemha il-Qorti mad-daqqa t'għajn ma' tirriskontra l-ebda prova, wisq anqas prova determinanti, li l-ammont mitlub mill-intimati sekwestranti huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat u dan partikularment wara li kien hemm anke riduzzjoni tas-sorti mill-istess intimati fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2023. *Prima facie* l-intimati għandhom bażi ta' pretensjoni x'jikkawtelaw u din ġiet kwantifikata f'somma li taqbel mal-ammont maħluf fil-mandat.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12**

10. Hija posizzjoni stabbilita fil-ġurisprudenza tagħna illi sabiex mandat jiġi rexiss abbażi ta' din il-kawżali jeħtieġ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi **<u>wara</u>** li jkun inħareġ il-mandat. Digriet li jiġi kkwotat ta' spiss f'dan ir-rigward huwa dak li kien ġie mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor Imħallef Joseph R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet "**<u>Francis Spiteri et. v. Charles Darmanin et.</u>**" (Rikors Numru. 571/2010 JRM) fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

> *« Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li*

> *jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ »*

11. *F'dan is-sens ukoll din il-Qorti diversement presjeduta tenniet fis-sentenza fl-ismijiet **Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi** (Rik. Nru. 1/2020 RM, deċiża 12 ta' Frar 2020) illi:*

> *«Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex ragjonevoli illi l-Mandat de quo jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti tosserva illi gie kostantement ritenut mill-qrati taghha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tehtieg illi jintwera li tkun tbiddlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-Mandat, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' fis-sehh in toto jew in parti. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid jistabblixxi jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-hrug tal-Mandat. Issa, il-htigijiet tal-ligi procedurali ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-hrug tal-Mandat:-*
>
> *"(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat;*
>
> *(b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt;*
>
> *(ċ)li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u*
>
> *(d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.*
>
> *Illi fil-kaz odjern ma intweriex illi mid-data meta nhareg il-Mandat in kwistjoni, kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi li l-hrug tal-mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli, issa m'ghadux[3] »*

12. L-istess raġunament japplika ukoll bis-sħiħ għal dan ir-rikors. Ma' tressqet l-ebda prova illi mill-mument li ġie intavolat il-mandat kien hemm xi bidla fiċ-ċirkustanzi li jagħmlu l-mandat mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Minflok, ir-rikorrent rabat din il-kawżali b'mod żbaljat mal-pretensjoni tiegħu illi r-riperkussjonijiet li jista'

[3] L-istess insenjament jinstab f'numru kbir ta' sentenzi oħra inkluż f'sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fosthom **Alfred Anton Zarifa u martu Olena Zarifa v. Alexander Mangion u Melvin Mangion** (Rik 1174/2018 LM, deċiża 11 ta' Frar 2019)

jkollu l-mandat fuq il-ħajja tal-esponent huma "ferm serji u gravi". Għalhekk anke din il-kawżali ma' tistax tintlaqa'.

**Talba għall-imposizzjoni ta' penali**

13. Apparti t-talba tiegħu għat-tħassir tal-mandat, ir-rikorrent talab ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimati jħallsu penali ai termini tal-Art. 836(8) u d-danni ai termini tal-Art. 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. L-Art. 836(8) imsemmi jipprovdi kif ġej:

> **« 836 (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:**
>
> **(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;**
>
> **(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:**
>
> **Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;**
>
> **(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;**
>
> **(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja. »**

15. Fid-digriet mogħti fl-ismijiet: "**Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe**" (Rik 660/2012 JRM, 02/08/2012) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej dwar l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12:

*«Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.*

*Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha.*

*Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. »*

16. Fir-rikors tiegħu r-rikorrent jonqos milli jsemmi liema miċ-ċirkustanzi taħt l-Art. 836(8) tal-Kap. 12 għandhom japplikaw jew jekk hux qed jinvokahom kollha kemm huma. Il-Qorti m'għandiex tipprova tiddeduċi x'kellu f'moħħu r-rikorrent meta intavola r-rikors iżda jidher illi r-rikorrent qed jorbot it-talba għall-ħlas tal-penali mal-fatt illi skond hu l-mandat huwa vessatorju għaliex ġew intavolati fl-istess ħin ittra uffiċjali, mandat u kawża u għaliex fl-ittra uffiċjali ingħata perjodu ta' żmien sabiex jirregola ruħu mentri dan kien inutli peress illi l-proċeduri laħqu nbdew.

17. Għalkemm huwa minnu illi l-ittra uffiċjali imsemmija ġiet intavolata kontestwalment mal-mandat in kwistjoni u ma' kawża fl-istess ismijiet, xi ħaġa li effettivament kienet qed trendi inutli t-talba magħmula fl-istess ittra uffiċjali sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta barra l-Qorti bil-ħlas tal-ammont mitlub, fi kwalunkwe każ il-Qorti ma' tirriskontra l-ebda prova li b'xi mod għandhom japplikaw l-estremi tal-penali taħt l-Art. 836(8)(d). Il-fatt illi l-ittra uffiċjali msemmija ġiet intavolata inutilment ma jfissirx illi l-mandat ġie intavolat b'mod malizzjuz, frivolu jew vessatorju.

**Talba għall-ħlas tad-danni**

18. Dwar it-talba għall-ħlas tad-danni, l-Art. 836(9) jipprovdi kif ġej:

**« (9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f 'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni. »**

19. Fil-kawża fl-ismijiet "**Jane Spiteri v. Nicholas Camilleri**" (P.A., 10/01/1992) ingħad is-segwenti:

*« (a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "Qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-citaddin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.*

*(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser neċessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpusa ("Agius vs Dott. Carbone nomine" - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". ("Mugliette vs Bezzina" - XXVI. I. 405).*

> *(e) Illi dan l-ahhar principju huwa ibbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:- "Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi: "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (Baudry - Lanactinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560). »*

20. Apparti li mill-atti proċesswali ma jirriżultaw l-ebda provi fattwali ta' xi danni sofferti mir-rikorrent b'kawża tal-ħruġ tal-mandat, il-Qorti kif diġà tenniet iktar 'l fuq ma ssibx illi l-mandat *de quo* kien wieħed vessatorju jew maħruġ b'mod negliġenti u għalhekk qed tiċħad ukoll it-talba għall-ħlas tad-danni.

**Deċiżjoni**

21. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent sekwestrat bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur